# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' l-Għasri

## Is-Seba' Leġislatura

## Laqgħa Nru. 81

It-Tnejn 10 ta' Ġunju, 2019

Il-Kunsill Lokali Ta' l-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fis-7:00 ta' filgħaxija.

---

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Dr Daniel Attard | - Sindku |
| | Sur Emmanuel Mintoff | - Viċi Sindku |
| | Sur Joseph Farrugia | - Kunsillier |
| | Sur Frank Formosa | - Kunsillier |
| | Sinjura Alexandra Maria Mifsud | - Kunsilliera |
| | Sinjura Elizabeth Mintoff | - Kunsillier Elett |
| | Sur Salvatore Felice Pace | - Kunsillier Elett |
| | Sur Sammy Saliba | - Kunsillier Elett |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 14A (3)):

n/a

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Sinjura Rita Mifsud Attard | - Segretarju Eżekuttiv |

# Minuti

**10 ta' Ġunju, 2019**

Is-Sindku Dr Daniel Attard ippresjeda l-laqgħa

## 81.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji.

**81.1.01** Il-membri kollha huma preżenti u għalhekk m'hemmx ittri ta' apoloġiji. Kienu preżenti wkoll il-Kunsilliera eletti ġodda bħala spettaturi.

## 81.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti 7-80.

**81.2.01** Il-minuti tal-laqgħa numru 80 kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**81.2.02** Is-Sindku ġibed l-attenzjoni fuq punt 80.3.13 dwar it-tranġar tal-għassa tal-Pulizija fl-Għasri u talab lis-Segretarja sabiex tagħmel laqgħa mas-Supretendent tal-Pulizija dwar dan.

**81.02.03** Il-Kunsillier Sandra Mifsud staqsiet dwar it-talba tagħha (punt 80.4.01). Is-Segretarja nformata li t-tabella ġiet ordnata.

## 81.3 Tmiem tas-Seba' Leġislatura.

**81.3.01** Din hija l-aħħar laqgħa tas-Seba' Leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Għasri. Is-Sindku irringrazzja lill-membri kollha tal-Kunsill tal-koperazzjoni, ħidma, kontribuzzjoni u sapport tagħhom matul l-aħħar sitt snin ta' ħidma għal ġid tar-raħal tal-Għasri. Hu qal li sar ħafna xogħol u ħafna suċċessi u dan grazzi għalihom. Qal ukoll li x-xogħol li għad irid isir, ser isir fuq il-pedamenti li għamel dan il-Kunsill.

Is-Sindku feraħ lill-membri ġodda li ġew eletti fl-elezzjoni tal-25 ta' Mejju li għadda u talab biex jaħdmu flimkien miegħu u mal-Viċi Sindku sabiex jkompli jsir aktar xogħol għal ġid tar-residenti tal-Għasri. Fost ix-xogħlijiet hemm it-tranġar tal-Għassa tal-Pulizija u l-Berġa, aktar kisi ta' toroq u kostruzzjoni ta' playing field.

Il-laqgħa tal-lum intemmet fit-7.50 p.m. Għalhekk din is-seba leġislatura ġiet fit-tmiem tagħha għalkemm uffiċċjalment tibqa' tiffunzjona sal-aħħar ta' Ġunju 2019.

Konfermati, it-Tnejn 10 ta' Ġunju 2019

**FFIRMATA**
Dr Daniel Attard
Sindku

**FFIRMATA**
Rita Mifsud Attard
Segretarju Eżekuttiv